



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2090(DEC)**

8.12.2014

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-2013 taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) (2014/2090(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-EMCDDA għas-sena finanzjarja 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li jindikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet;
3. Isemmi, f'dan ir-rigward, li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku jistgħu jitjiebu aktar, speċjalment fir-rigward tat-trasparenza u tal-ugwaljanza tat-trattament ta' offerenti differenti;
4. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-uffiċċji li ma jintużawx fis-sede l-antika u l-infiq relatat, u jitlob li r-riżoluzzjoni ta' din il-problema ssir prijorità assoluta;
5. Iqis li, bħala regola ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-ġestjoni finanzjarja tajba min-naħa tal-EMCDDA, jiġifieri l-ekonomija, l-effikaċja u l-prestazzjoni li bihom l-osservatorju jkun uża l-approprijazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.